27 ta' Ġunju, 1955

*Imħallfin :*

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Debono et. *versus* Dottoressa Irene Condachi

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Sentenza — Aċċess — Ispezzjoni tal-Fond mill-Membri Tekniċi — "Audi Alteram Partem" — Nullità — Art. *791 (1) (c) u (2)* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Jekk xi waħda mill-partijiet ma kienetx preżenti **fl-aċċess miżmum** mill-membri tekniċi tal-Board tal-Kera biex **jispezzjonaw il-fond***

*ghall-finijiet tal-fissazzjoni tal-kera zieraq, u dan ghaliex il-periti jkunu aċċedew mhux fil-ħin li ġie avżat lill-partijiet, mhix nulla s-sentenza tal-Board li tkun bażata fuq ir-rapport ta' dawk il-membri tekniċi, avvolja dik il-parti ssofri xi preġudizzju minħabba li ma kienetx preżenti f'dak l-aċċess, jekk dik il-parti kienet fil-pożizzjoni li tirripara għal dak il-preġudizzju qabel is-sentenza billi ġġib għall-konjizzjoni tal-Board dak il-fatt, biex il-Board jipprovdi u, jekk ikun il-każ, jordna aċċess ieħor. Divers kien ikun il-każ kieku dik il-parti ma ġietx imqegħedha legalment fi grad li tassisti għall-aċċess, u dan sar mingħajr ma kienet taf biħ, u ma saretx taf biħ, u ma setgħetx raġjonevolment tkun taf biħ ħlief wara l-prolazzjoni tas-sentenza; għax f'dan il-każ ikun hemm vjolazzjoni tal-prinċipju importantissimu "audi alteram partem".*

*Biex dik il-parti tirnexxi fl-azzjoni tagħha għall-annullament ta' sentenza mogħtija minħabba vjolazzjoni ta' dak il-prinċipju, jeħtieġilha tipprova li hija sofriet dik il-privazzjoni inġustament, jiġifieri mhux bi ħtija addebitabbli lilha; għax inkella jissubentra l-prinċipju l-ieħor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire".*

*Aki jekk kien hemm dik il-vjolazzjoni, ebda nullità ma toħroġ, ladarba l-parti kienet taf biha u ħalliet li jsiru attijiet oħra wara, jiġifieri l-prolazzjoni tas-sentenza, mingħajr ma eċċepiet dik in-nullità.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-atturi, wara li ppremettew illi l-Board li Jirregola l-Kera, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati, deċiża fit-2 ta' Gunju, 1954, stabbilixxa l-kera tal-ħanut mikri mill-atturi lill-konvenuta, il-Belt Valletta, Old Treasury Street, numru 5, *in bażi għar-relazzjoni tal-periti Joseph Savona u* Professur John Gatt, O.B.E., annessa mas-sentenza, u wara ispezzjoni tal-fond li dawn il-periti żammew in assenza ta' l-atturi, billi aċċedew fuq il-fond u tterminaw dik l-ispezzjoni qabel il-ħin stabbilit, u għalhekk bla ma semgħu lill-atturi; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li dik l-ispezzjoni tal-fond ġiet magħmula nullament, u li kwindi hija nulla wkoll is-sentenza fuq indikata (dok. A): bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat *id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti* fl-14 ta' April, 1955, li biha ġiet respinta l-istanza, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn *il-kontendenti* dwar il-ħin li bih ġew avżati meta l-membri tekniċi tal-Board kellhom jaċċedu għall-fond biex jispezzjonawh. Dak il-ħin kien bejn l-erbgħa u s-sitta ta' fil-għaxija. Il-partijiet ma jaqblux dwar meta fil-fatt dawk il-membri waslu fil-post; l-għaliex fil-waqt li l-konvenuta tallega li waslu fil-ħin avżat, ftit minuti wara l-erbgħa, l-atturi mill-banda l-oħra jallegaw li fl-erbgħa l-istess membri kienu ġa raw il-fond u waslu ħdejn il-karrozza li kienet qegħdha tistennihom fi Strada Santa Luċija, angolu ma' Kingsway, ftit il-bogħod mill-fond, peress li dan qiegħed taħt il-loġoġ l-antiki, aktar lejn in-naħa ta' Kingsway;

Illi l-attur Debono xehed .........;

Illi, però, l-Inġinier Professur John Gatt, wieħed mill-*imsemmijin membri* tekniċi tal-Board, xehed .........;

Illi mill-aċċess *jirriżulta* .........;

Illi anki l-membru tekniku l-ieħor xehed .........;

Illi għalkemm, data t-testimonjanza tal-membri tekniċi tal-Board, u speċjalment dik *tal-Professur Gatt*, u kunsidrat il-fatt riżultanti mill-aċċess, fil-konflitt tat-testimonjanzi ta' l-attur, ta' martu, u ta' l-impjegat tiegħu ......... il-Qorti tħoss li għandha tasal għall-konklużjoni li l-membri tekniċi tal-Board ma bdewx l-ispezzjoni tal-fond qabel iż-żmien li kien ġie stabbilit, u li bih l-attur kien ġie infurmat;

Illi evidentement l-atturi jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq *il-vjolazzjoni tal-prinċipju* ta' ġustizzja naturali li għandha tingħata lill-parti l-oħra f'kawża l-possibilità li tinstama'; fi kliem ieħor fuq il-vjolazzjoni tal-prinċipju fondamentali tal-kontradittorju li l-litiganti għandhom ikunu msejħin u mismugħin fil-proċediment. Issa, apparti l-fatt li ma *jirriżultax* soddisfaċentement li l-membri tekniċi tal-Board spezzjonaw il-fond qabel il-ħin stabbilit, mix-xhieda ta' dawk il-periti jirriżulta li l-attur instama', u kwindi ma sofra l-ebda preġudizzju; *għaliex dak il-ħin stess li l-periti spiċċaw l-ispezzjoni*

tal-fond u kienu qegħdin jidħlu ġol-karrozza, jew kienu għadhom kif daħlu fiha, l-Inġinier Savona ddeskriva lill-attur x'kienu raw u talbuħ jgħidilhom jekk kienux raw kollox, u offrewlu li jerġgħu jmorru fil-post biex jerġgħu jarawħ miegħu, imma l-attur ma għamel l-ebda osservazzjoni ħlief li staqsihom, evidentement b'ċajta, jekk kienux raw il-ġnien. L-attur Debono jammetti ........;

Illi anki kieku wieħed jasal biex jikkonkjudi li l-attur ma kienx preżenti għaliex l-ispezzjoni tal-fond bdiet u spiċċat qabel il-ħin, u li, non ostante dak li fuq ġie rilevat, hu seta' għal dik ir-raġuni jsofri preġudizzju, dana l-preġudizzju seta' però jiġi wisq faċilment riparat qabel is-sentenza, u kwindi mingħajr l-annullament tagħha; huwa kellu l-opportunità u żmien suffiċjenti biex iġib il-fatt a konjizzjoni tal-Board qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, biex il-Board jipprovdi u, jekk kien il-każ, jordna li jsir aċċess ieħor. Divers kien ikun il-każ kieku l-attur ma giex imqiegħed legalment fi grad li jassisti għall-aċċess u dan sar mingħajr ma kien jaf bih, u ma sarx jaf bih, u ma setgħax raġjonevolment ikun jaf bih, ħlief wara l-prolazzjoni tas-sentenza. F'dak il-każ. il-preġudizzju kaġunat — f'każ ta' preġudizzju — ma kienx ikun jista' jiġi riparat ħlief bl-annullament tas-sentenza;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom. fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi d-domanda dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni hija bażata fuq il-premessa li l-kera tal-fond fl-istess ċitazzjoni msemmi ġie stabbilit mill-imsemmi Board tal-Kera fuq ir-relazzjoni tal-membri tekniċi ta' l-istess Board, wara li huma spezzjonaw il-fond barra mill-ħin stabbilit għal dik l-ispezzjoni u fl-assenza ta' l-atturi appellanti. Il-partijiet jaqblu li l-eżami tal-fond mill-imsemmija periti tekniċi kellu jsir bejn l-4 p.m. u s-6 p.m., iżda l-appellanti jsostnu li sar qabel il-ħin stabbilit, mentri l-appellata tgħid li sar regolarment u fil-ħin stabbilit;

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għall-premessa fuq imsemmija, l-appellanti qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat u deċiż li dik l-ispezzjoni tal-fond ġiet magħmula nullament, u li għalhekk hija wkoll nulla s-sentenza li ġiet mogħtija fuq ir-rapport ta' dik l-ispezzjoni. Huwa evidenti li l-appellanti qegħdin jaġixxu minħabba l-vjolazzjoni, minnhom allegata, ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali, billi ġiet vjolata r-regola rikonoxxuta importantissima "audi alteram partem". Biex jirnexxu f'din l-azzjoni tagħhom, l-appellanti jridu jippruvaw li huma ġew privati milli jiġu mismugħa, u li sofrew dik il-privazzjoni inġustament, jiġifieri mhux bi ħtija lilhom addebitabbli; għaliex f'dan il-każ tissubentra l-applikazzjoni tal-prinċipju "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire";

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jirrikonoxxu illi huma kienu ġew regolarment avżati bil-ġurnata li fiha kellha ssir l-ispezzjoni tal-fond u bil-ħin li l-membri tekniċi tal-Board kellhom jipproċedu għal dik l-ispezzjoni. Dak il-ħin kien bejn l-erbgħa u s-sitta ta' fil-għaxija; iżda l-appellanti jsostnu li l-eżami tal-fond mill-imsemmiin periti sar qabel ma daqqu l-erbgħa, jiġifieri qabel il-ħin stabbilit, u għalhekk ġew privati mill-opportunità li jkunu preżenti kif kellhom id-dritt, mentri kienet preżenti biss il-parti l-oħra, jiġifieri l-konvenuta appellata. Mill-kumpless tal-provi mressqin, tant fl-ewwel kemm f'din l-istanza, dik il-pretensjoni ta' l-atturi appellanti ma tirriżultax b'mod soddisfaċenti; u dan għar-raġunijiet eżawrjent żvolti fis-sentenza appellata. U ladarba l-membri tekniċi tal-Board bdew l-ispezzjoni tal-fond fiż-żmien stabbilit, notifikat lill-appellanti, dawn messhom ikunu fil-post jekk riedu jattendu għal dik l-ispezzjoni; u jekk ma kienux hemm, għandhom jimputaw għall-ħtija tagħhom dik l-assenza, u ma jistgħux jallegaw li minħabba fiha sofrew il-privazzjoni li jiġu mismugħa, kif kellhom id-dritt skond l-imsemmi prinċipju ta' ġustizzja naturali "audi alteram partem". Apparti minn dan, hemm lok li jiġi rilevat li l-fond spezzjonat jikkonsisti biss f'kamra u kantina sottostanti, u dritt wara l-ispezzjoni l-periti tek-

nići għarrfu lill-appellant Debono x'kienu raw, u dan deher sodisfatt billi ma għamel ebda osservazzjoni ħlief dik, li hu stess ikkwalifika li kienet ċajta, li staqsihom kienux raw ukoll il-ġnien. Dan il-kontenn ta' l-appellant Debono ma kienx ta' bniedem li ġie privat minn dritt tiegħu, billi, kieku ħass hekk, ma messux kellu moħħ iċ-ċajt, imma messu pprotesta formalment għal dik il-privazzjoni li sofra;

Dik il-protesta ma għamilhiex lanqas wara, fl-intervall bejn l-eżami tal-fond u l-prolazzjoni tas-sentenza, jiġifieri bejn it-28 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju, 1954, u għamilha biss wara dik il-prolazzjoni, evidentement għaliex il-kera fissat mill-Board ma għoġbux, u ma setgħax jaqla' motiv ieħor biex jista' jimpunjaħ. Kif sewwa qalet is-sentenza appellata, anki kieku l-pretensjoni ta' l-appellanti, li l-ispezzjoni tal-fond saret qabel il-ħin fissat, kellha tiġi aċċettata, il-preġudizzju minnhom allegat seta' jiġi faċilment evitat qabel is-sentenza, kieku huma ġiebu l-fatt għal konjizzjoni tal-Board, li seta', jekk kien il-każ, jordna li jsir aċċess ieħor. Imma huma minn dan ma għamlu xejn, u ħallew lill-Board jipproċedi għall-prolazzjoni li l-lum qegħdin jimpunjaw. Jingħad ukoll illi, kieku kellu jiġi ritenut li dik il-pretensjoni ta' l-appellanti tammonta għal vjolazzjoni ta' formalità rikjesta mill-liġi, ebda nullità ma kienet toħroġ; għaliex l-appellanti kienu jafu biha, u ħallew li jsiru attijiet oħra wara, jiġifieri l-prolazzjoni tas-sentenza, mingħajr ma ġiet eċċepita dik in-nullità (art. 792(1)(c) u (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

---